31 ta' Jannar, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Calleja et. *versus* Herbert F. Grech ne.

**Traffiku — Avviż tal-Pulizija No. 120 tas-27 ta' Lulju, 1953 — Nullità — Kummissarju tal-Pulizija — "Traffic Control Board" — Art. 119 tal-Motor Car Regulations —Art. 31 (f) tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13).**

*Ir-Regolament numru 4 maħruġ bl-avviż tal-Pulizija no. 120 tas-27 ta' Lulju, 1953, li bis-saħħa tiegħu l-buses li jaħdmu fuq il-linja tar-Rabat ġew impeduti milli jtellgħu jew iniżżlu passiġġieri f'ċerti bnadi tal-vjaġġ tagħhom, huwa null, għax magħmul mill-Kummissarju tal-Pulizija in eċċedenza tal-poteri statutorji li jawtorizzawh jagħmel regolamenti dwar it-traffiku; u għalhekk huwa "ultra vires".*

*Il-Kummissarju tal-Pulizija ma għandux is-setgħa jagħmel dak ir-Regolament taħt l-art. 119 tar-Regolamenti dwar Vetturi tal-Mutur; għax dawk ir-Regolamenti ma jagħtuhx il-poter li jistabbilixxi l-linji li fuqhom għandhom jgħaddu l-motor buses, u kwindi lanqas li jipprojbixxi lill-buses li jtellgħu jew iniżżlu passiġġieri f'ċerti postijiet f'ċerti vjaġġi — ħaġa din li jista' jagħmilha biss it-"Traffic Control Board".*

*U lanqas ma għandu l-Kummissarju tal-Pulizija s-setgħa li jagħmel dak ir-Regolament bis-saħħa ta' l-art. 31 (f) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Għax dak l-artikolu jikkontempla serje ta' kontravvenzjonijiet bħala "substantial provision", imma mhux "enabling provisions". Jiġifieri illi dak l-artikolu 31 jirrendi ħati ta' kontravvenzjoni lil min jagħmel ċerti fatti, fosthom dak ta' min jikser l-ordnijiet mogħtija mill-Pulizija biex tirregola t-traffiku, kontemplat fl-inċiż (f) ta' dak l-artikolu; imma jibqa' dejjem il-postulat ta' xi liġi, "enabling provision", li taħtha jinħarġu dawk l-ordnijiet li l-ksur tagħhom l-art 31 jelева għal kontravvenzjoni. L-art. 31 (f) qiegħed hemm biex jgħid li min jikser ordni maħruġ mill-Pulizija għar-regolament tat-traffiku jikkommetti kontravvenzjoni, imma ma jmurx aktar 'l hemm biex jagħti lill-Pulizija s-setgħa li toħroġ dak l-ordni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi l-konvenut Herbert F. Grech nomine. in forza ta' l-avviż tal-Pulizija numru 120, pubblikat fis-27 ta' Lulju, 1953, għamel, fost regolamenti oħra għall-omnibuses li jaħdmu fuq il-linja Valletta/Rabat-Imtarfa/Dingli, ir-Regolament numru 4, fis-sens illi dawk il-buses ma għandhomx itellgħu passiġġieri bejn l-Istitut ta' San Ġużepp u r-Radio City Opera House fil-vjaġġ lejn il-Belt Valletta, jew iniżżlu passiġġieri bejn l-istess żewġ postijiet fil-vjaġġ lejn ir-Rabat (dok. A); u illi fl-istess avviż tal-Pulizija jingħad illi dak ir-Regolament, flimkien mar-regolamenti l-oħra hemm magħmula, intgħamlu bis-saħħa ta' l-art. 31 (f) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13) u ta' l-art. 117, 119 u 182 tar-Regolamenti dwar Vetturi tal-Mutur; u illi l-konvenut Grech nomine ma kellux, u ma għandux, ebda setgħa biex jagħmel ir-Regolament imsemmi numru

4. la taħt l-art. 31 (f) tal-Liġijiet tal-Pulizija u lanqas taħt l-art. 117, 119 u 182 tar-Regolamenti fuq imsemmija; u illi, in vista ta' l-imsemmi Police Notice 120 tas-27 ta' Lulju, 1953, il-konvenut Grech nomine qiegħed jimpedixxi lilhom, li huma proprjetarji ta' l-omnibuses li jaħdmu fuq il-linja Valletta/Rabat-Imtarfa/Dingli, milli jtellgħu passiġġieri bejn l-Istitut ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, u r-Radio City Opera House, fil-vjaġġi ta' l-omnibuses tagħhom bejn il-Belt Valletta, u li jniżżlu passiġġieri bejn l-istess żewġ postijiet fil-vjaġġi bejn ir-Rabat; u illi dan hu ta' preġudizzju u telf għalihom; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż minn din l-Qorti illi r-Regolament numru 4, li hemm fl-Avviż tal-Pulizija numru 120 tas-27 ta' Lulju, 1953, sar "ultra vires", billi l-konvenut Grech nomine ma għandux is-setgħa taħt l-art. 31 (f) tal-Liġijiet tal-Pulizija u taħt l-art. 117, 119 u 182 tar-Regolamenti dwar Vetturi tal-Mutur biex joħroġ regolamenti simili; u konsegwentement l-imsemmi Regolament numru 4 ma jiex magħmul legalment u hu null. Bl-ispejjeż, u bl-riżerva għal kull azzjoni għad-danni. Il-konvenuti jew inharrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-4 ta' Ottubru, 1954, li biha ddeċediet adeżivament għat-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-atturi jippretendu illi r-Regolament numru 4 li hemm fl-Avviż tal-Pulizija nru. 120 tas-27 ta' Lulju, 1953, sar "ultra vires", u għalhekk ma jiex magħmul legalment u hu null. Il-konvenuti jissottomettu illi huma ma jippretendux illi r-Regolament impunjat hu magħmul taħt l-art. 117 jew 182 tat-Traffic Regulations, imma jallegaw illi dak ir-Regolament ma hu xejn "ultra vires", u hu validament magħmul taħt l-art. 31 (f) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u taħt l-art. 119 tat-Traffic Regulations;

Illi l-imsemmi Regolament jgħid hekk — "Il-buses li jaħdmu fuq il-Linja Valletta/Rabat-Imtarfa ma għandhomx itellgħu passiġġieri bejn l-Istitut ta' San Ġużepp u r-Radio City Opera House, fil-vjaġġ lejn il-Belt Valletta, jew iniżżlu

passiggieri bejn l-istess żewġ postijiet fil-vjaġġ lejn ir-Rabat. L-istess regolament, kif jingħad fl-Avviż relativ, ġie magħmul mill-konvenut Grech fil-kwalità tiegħu ta' Kummissarju tal-Pulizija;

Illi "a thing is done by a Public Authority, a Company or a Fiduciary Person, "ultra vires", when it is not within the scope of the powers entrusted to such Authority, Company or Person" (Stroud's Judicial Dictionary, 2nd. edition, p. 2113); u għalhekk irid jiġi eżaminat jekk, skond kif timporta l-pretensjoni ta' l-atturi, dak ir-Regolament jeċċedix il-poteri statutorji li jawtorizzawħ u hu ripunjanti għalihom, jew aħjar jekk il-konvenut Grech, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, kellux is-setgħa joħroġ dak ir-Regolament bis-saħħa ta' xi waħda miż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi msemmijin mill-konvenuti;

Illi, relativament għall-art. 31 (f) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, ma jidherx illi dan l-artikolu hu "enabling" fis-sens li jagħti lill-Pulizija s-setgħa li tagħti jew li toħroġ regolamenti. L-ewwelnett, dan l-artikolu jsemmi "ordnijiet" u mhux "regolamenti"; u hemm differenza bejn "ordni" u "regolament", billi "an order" hu "a command", waqt illi "regulation" hu "a prescribed rule" (Collin's National Dictionary and Encyclopaedia). "Ordine" hi "una disposizione di autorità; ingiunzione; comando: avviso"; waqt illi "regolamento" hu "la applicazione di una legge" (Premoli, Vocabolario Nomenclatore);

Dan jissuffraga s-sottomissjoni ta' l-atturi, dik jiġifieri li l-ordnijiet li jissemmew fl-artikolu fuq imsemmi huma ġeneralment dawk li jingħataw minn kwalunkwe membru tal-Pulizija, u mhux bilfors mill-Kummissarju, fiċ-ċirkustanzi ndikati fl-istess artikolu u f'xi okkażjonijiet partikulari, u mhumiex normi ġenerali. Mbgħad, hu ċar illi l-iskop prinċipali, jekk mhux l-uniku, ta' dak l-artikolu hu dak tal-"bon ordni publiku" u "fit-triqat". "Secondo questo articolo certi atti commessi nelle strade, sebbene non per sè stessi reati, possono essere 'pro bono publico' regolati o, secondo i casi, vietati dalla Polizia, e la legittimità degli ordni da essa a tal uopo impartiti è determinata dalla necessità di preveni-

re, fra altro, ingombri, molestia o *pericolo* a persone nelle strade. *Egli è allora che si* punisce come reato non già l'atto per sè stesso, commesso e ripetuto, ma bensì la trasgressione ai detti ordini che la Polizia avesse *dato od emanato*" (Kollez. Vol. XXIV-IV-1013);

Konsegwentement, l-ordnijiet li skond id-dispożizzjoni ta' l-imsemmi artikolu ħadd ma jista' *jikser*, għandhom ikunu dawk *mogħtijin jew maħruġin* mill-Pulizija "pro bono publico", jiġifieri ntiżi biss biex jipprevjenu molestji jew perikolu lill-persuni fit-toroq. Issa, mid-dikjarazzjoni tal-konvenuti, miġjuba *man-nota ta'* l-eċċezzjonijiet tagħhom, u anki middibattitu orali, jirriżulta li r-Regolament fil-kwistjoni sar għad-distribuzzjoni ekwa tat-traffiku kull fejn hemm diversi linji li *jgħaddu minn triq* waħda, u biex ma tavvantaġġjax ruħha linja ta' buses b'diskapitu ta' linja oħra, u mhux fl-interess ta' l-ordni pubbliku in ġenerali, u lanqas fl-interess tal-pubbliku. *L-ordnijiet* biex jirregolaw it-traffiku tal-vetturi jikkomprendu diversi inġenji, u ma għandhom x'jaqsmu xejn mar-regolament tat-traffiku "*ut sic*", li għandu jsir, almenu *mill*-31 ta' Marzu, 1931, skond it-Traffic Regulation Ordinance. Għaldekk il-konvenut Grech nomine ma kellux is-setgħa, taħt l-artikolu tal-liġi fuq *imsemmi*, li joħroġ ir-regolament *imsemmi* fiċ-ċitazzjoni;

Illi, relativament għall-art. 119 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, dan l-artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissarju tal-*Pulizija*, *fost ħwejjeġ* oħra, "to fix the routes to be followed by motor omnibuses", u "the routes on which they shall ply". Apparti l-kwistjoni jekk din is-setgħa *tikkomprendix jew le dik li l-istess Kummissarju jista' jipprojbixxi* lil buses "to pick up passengers" jew "to alight passengers" f'certi vjaggi — kwistjoni li ma jidherx li tista' *tiġi riżoluta* f'sens *affermativ* — *jidher illi* l-Kummissarju *tal-Pulizija* lanqas ma għandu s-setgħa "to fix routes"; u għalhekk, anki jekk l-ewwel setgħa tikkomprendi l-oħra, l-istess hi nulla, billi hi nulla, *għaliex* "*ultra vires*", l-ewwel waħda li fil-każ tikkomprendiha;

Inutili illi l-konvenut Grech jallega, mingħajr ma jipprova, *fin-nota tiegħu*, illi *meta* għamel *ir-Regolament* numru 4,

dak taħt konsiderazzjoni, huwa kkonsulta lill-Board tat-Traffiku u ħa l-parir tiegħu, u b'hekk il-vot tal-liġi impost mill-art. 16 tat-Traffic Regulations (Kap. 105) ġie pjenament soddisfatt. Dak l-aħħar artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissarju tal-Pulizija biex, bil-parir tat-Traffic Control Board, jagħmel regolamenti "dwar it-traffiku" f'dawn il-Gżejjer "ta' motor cars", u mhux "ta' motor buses"; dwar "motor buses" il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmel regolamenti, dejjem bil-parir tal-Board, inkwantu biss jirrigwarda "l-kiri privat" tagħhom. Skond l-art. 5 tat-Traffic Regulations (Kap. 105), huwa lill-imsemmi Board biss, "for the better organisation of the motor omnibus ...... transport service, to establish routes for the conveyance of passengers ...... and to allot the service on such routes to any company, or to any person or persons, upon such conditions as the Board, with the approval of the Governor, may direct". Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jistabbilixxi l-linji li fuqhom għandhom jgħaddu l-motor buses; dan jista' jagħmlu l-Board ġa msemmi. L-art. 119 tar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur hu konsegwentement null, għaliex "ultra vires", kif hu null u "ultra vires" kwalunkwe regolament magħmul bis-saħħa ta' l-istess artikolu, u kwindi anki dak numru 4 magħmul bl-Avviż tal-Pulizija numru 120 tas-27 ta' Lulju, 1953;

Rat fil-fol. 42 il-petizzjoni tal-konvenuti nomine, li biha talbu r-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li jiġu miċħuda ż-żewġ domandi ta' l-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidat;

Il-preġudizzjali devoluta għall-eżami ta' din il-Qorti hi jekk ir-raba' Regolament ta' l-Avviż tal-Pulizija, eżibit fol. 5 u 6, hux null, kif isostni l-atturi, għax magħmul mill-Kummissarju tal-Pulizija "ultra vires";

Fl-inizju tal-kawża, il-konvenuti nomine kienu jsostnu, kif jidher mid-dikjarazzjoni tagħhom fol. 8 tergo, li dak ir-raba' Regolament kien validament magħmul, ċjoè kien "intra vires", taħt l-art. 31 (f) tal-Kap. 13 Ediz. Riv., kif ukoll taħt ir-Regolament numru 119 tat-Traffic Regulations (Not. tal-Gvern nru. 21 ta' l-1948). Iżda f'dan l-istadju ta' l-ap-

pell, skond ma hemm espressament dikjarat fil-petizzjoni fol. 43 u 43 tergo, il-konvenuti nomine rtiraw formalment il-pretensjoni tagħhom li r-raba' Regolament fuq imsemmi seta' ġie validament statwit taħt ir-regolament 119 tat-Traffic Regulations, u qegħdin isostnu biss il-validità tiegħu in bażi għall-art. 31 (f) tal-Kap. 13, bħala "enabling provisions";

L-ewwel Qorti rriteniet li r-raba' Regolament in kwistjoni ma setax sar taħt l-art. 31 (f) Kap. 13. Din il-konklużjoni ġiet bażata fuq tliet raġunijiet: (1) Li dak l-art. 31 (f) ma kienx "enabling provision"; (2) illi "order" mhux "rule", u mhux l-applikazzjoni tal-liġi; (3) illi l-ordni kontenut fir-raba' Regolament mhux "pro bono publico";

Din il-Qorti ma tistax taċċetta t-tieni u t-tielet raġuni;

Kwantu għat-tieni raġuni, hu indubitat li "delegated" jew "subsidiary legislation" tista' ssir anki taħt forma ta' "order"; liema kelma, "in subjecta materia", ma tistax u ma għandhiex ikollha s-sens limitat li tatha l-Ewwel Qorti. Il-Wade & Philips — Constitutional Law, p. 290 — jenumeraw appuntu l-"order" fost il-"Forms of Delegated Legislation"; anzi, għalkemm l-ismijiet tad-diversi forom, ċjoè "rules", "bye-laws", "orders", fil-prattika jiġu spiss użati promiskwament, "order" hu proprjament dik il-forma ta' "delegated legislation" li tirriferixxi għall-eżerċizzju ta' "executive power", bħal fil-każ (apparti, għalissa, konsiderazzjonijiet oħra). L-istess, Sir Alison Russell fit-trattat tiegħu "Legislative Drafting and Forms", 1938 edition, p. 75, jgħid: "Subsidiary legislation under powers conferred by an Act is usually made in one of the following ways: (a) Proclamation; (b) Rules; (c) Regulations; (d) Orders; (e) Notices. (f) Bye-laws";

Lanqas tista' tkun affattu konvinċenti t-tielet raġuni: mhux biss għax kull dispożizzjoni leġislativa, f'sens ġeneral, titqies dejjem intiża għall-bwon ordni, imma, fil-każ partikulari, dan l-iskop ma jiġix nieqes sempliċement għax ir-raba' Regolament sar biex linja ta' char-a-bancs waħda ma tavvantaġġjax ruħha a skapitu ta' l-oħra; anzi din hi appuntu raġuni ta' ordni publiku, inkwantokkè d-distribuzzjoni ekwa tat-traffiku hi preċiżament intiża biex, minħabba xi pretiżi ta'

inġustizzji f'din id-distribuzzjoni, ma jkunx hemm "strikes", jew disgwidi oħra fil-mezzi tat-trasport publiku, bi ħsara appuntu tal-bwon ordni;

Din il-Qorti taqbel, però, mar-raġuni li d-dispożizzjoni li fuqha qegħdha tistrieħ it-teżi tal-konvenuti nomine ma hijiex "enabling provision";

Biżżejjed, l-ewwelnett, li wieħed iħares lejn il-lokuzzjoni tad-dispożizzjoni in parola, biex jikkonvinċi ruħu li ma tistax titqies bħala "enabling provision". L-art. 31 jgħid dan "Hadd ma jista' (a) jixħet jew iħalli ħmiġijiet eċċ.; (b) jixħet ħmiġijiet, eċċ.; (c) iżomm jew iħalli ħnieżer, mogħoż, eċċ.; (d) iħalli jiġġerrew barra barrin, baqar, eċċ.; (e) jagħmel ħsara fit-toroq jew fl-opri mibnija fihom għall-użu jew kumdità tal-pubbliku, eċċ.; (f) jikser l-ordnijiet mogħtija jew maħruġin mill-Pulizija biex ...... jirregolaw it-traffiku ta' vetturi; (g) isuq jew jirkeb bhejjem, eċċ.; (h) ...... joqgħod fuq il-lasta tal-karrettun eċċ. eċċ.; (i) iġorr fit-trieq laħam ta' bhejjem maqtula eċċ. (j) jiddendel ma' dahar vettura; (k) jobżoq fl-art jew mal-ħitan ta' knejjes, eċċ ......";

Hu ċar li din mhijiex ħlief dispożizzjoni li tikkontempla serje ta' kontravvenzjonijiet bħala "substantive provision", u ma għandha xejn fiha li hija l-lokuzzjoni solita ta' "enabling provision". Din il-lokuzzjoni tirrikorri kontinwament, "passim", f'numru kbir ta' liġijiet, partikularment dawk ta' l-aħħar żminijiet, peress li issa kibru l-funzjonijiet ta' l-Istat, u l-poter leġislativ ma jistax ilaħħaq aktar mal-massa ta' regolamenti dettaljati; u dejjem il-lokuzzjoni wżata hi kif għandha tkun, ċjoè (per. eż.):

Kap. 85, art. 40 — "The Governor may make regulations as to the issue and payment of such money orders";

Kap. 89, art. 14 — "The Governor-in-Council may make, and, when made, vary or revoke regulations ......";

Kap. 94, art. 11 :— "The Governor-in-Council shall have power to make, and, when made, vary or repeal, regulations, eċċ.;

Kap. 116, art. 2 :— "The Governor may make, amend, or repeal regulations ......";

Kap. 105, art. 16 :— "It shall be lawful for the Com-

missioner of Police, with the advice of the Board, to make *regulations in regard to the traffic of motor cars and ferry* boats, etc. ......";

U f'diversi oħra. F'din il-liġi stess (Kap. 13) hemm diversi eżempji tal-lokuzzjoni solita ta' "enabling provision"; bħal l-art. 198 :— "The Governor-in-Council may make regulations regarding the entry and transit of milch animals in towns and villages, etc."; l-art. 258 :— "The Governor may make regulations respecting pontoons"; l-art. 280 :— "The Governor may make regulations respecting the service of any *class of boats, etc. etc.,"; u oħrajn;*

Fl-art. 31 ma tirrikorrix affattu din l-ispeċi ta' lokuzzjoni. Jingħad biss li jikser il-liġi, vwoldiri jagħmel kontravvenzjoni, min jagħmel it-tali jew it-tali fatt, u fost dawn il-fatti min jikser *ordnijiet mogħtijin jew maħruġin* mill-Pulizija ...... biex jirregolaw it-traffiku tal-vetturi; imma jibqa' dejjem il- postulat ta' xi liġi, "enabling provision", li taħtha jinħarġu dawk l-ordnijiet li l-ksur tagħhom l-art. 31 jeleva għal kontravvenzjoni. L-art. 31 (f) qiegħed hemm biex jgħid li min jikser *ordni maħruġ mill-Pulizija għar-regolament tat-traffiku jik*kommetti kontravvenzjoni, imma ma jmurx aktar l-hemm biex jagħti lill-Pulizija dik is-setgħa;

Lanqas hu ta' min jemmetti li jinnota li f'"enabling provision" *is-setgħa dejjem tiġi mogħtija* lil "persuna speċifikata", appuntu biex ikun "fuori dubbio" li dik il-persuna, u mhux oħra, setgħet tagħmel is-"subsidiary legislation" f'dak il-każ. "The best course" — Russel, loc. ċit., p. 76 — "is to leave them to be framed by the Minister, by the Governor-*in-Council, by the Chief Justice, or by such other rule-mak*ing authority as may be declared by the Act"; mentri fl-art. 31 (f) jingħad "ordnijiet" maħruġa mill-Pulizija, "bla ma jingħad min hi speċifikament il-persuna li għandha toħroġ*hom*". Sta bene li l-Kummissarju hu l-kap tal-Pulizija, imma fatt hu li soltu jingħad li s-setgħa hi mogħtija lill-Kummissarju (Kap. 105, art. 16);

Min barra dan kollu, hu ċert li, f'din il-materja delikata ta' leġislazzjoni permezz ta' awtorità delegata (li hi ta' indoli eċċezzjonali) mhux aċċettabbli li fakoltà simili tiġi argumen-

tata "per implicitum", minflok li tkun espressament konċessa, bi kliem ċar, kif dejjem soltu jsir. Infatti, il-konvenuti nomine fil-fatt qegħdin jargumentaw hekk: "Il-liġi elevat għal kontravvenzjoni l-ksur ta' ordni maħruġ mill-Pulizija għar-regolament tat-traffiku; ergo l-Pulizija tista' toħroġ ordni għar-regolament tat-traffiku". Il-verità hija li dik id-dispożizzjoni toħloq biss dik il-kontravvenzjoni; jekk imbagħad il-Pulizija tistax jew le toħroġ ordni għar-regolament tat-traffiku, dan jiddependi milli jekk hemmx xi dispożizzjoni (bħal l-art. 16 tal-Kap. 105, salvi kwistjonijiet oħra) li tagħti lill-Pulizija dik il-fakoltà. Ebda "legal draftsman" ma joħlom idaħħal "per implicitum" id-delega tas-setgħa li jsiru regolamenti, eċċ. fid-dispożizzjoni tal-liġi dwar is-"*substantive offence*", imma jagħmel, separatament, id-delega tal-poter li jsiru regolamenti u r-*reat ta' ksur ta'* dawk ir-regolamenti. Hekk, fl-art. 75 tal-Kap. 60, (1) *It shall be lawful for the Governor*, from time to time, to make and, when made, to alter, or revoke regulations ...... (2) Any person offending against such regulations shall be liable etc." Hekk ukoll, fil-Kap. 56, art. 31, "whosoever shall commit an offence against the regulations made under section 22, shall on conviction be liable to ......"; u appuntu s-section 22 *tgħid* "...... the Governor may make regulations etc. etc.";

Id-difensur tal-konvenuti *nomine*, tant fin-nota fol. 26 kemm fil-kors *tat-trattazzjoni orali*, għamel *enfasi* kbira fuq l-emenda apportata lill-artikolu (allura 17 (8) L.L. Pul.) bl-Ordinanza IX ta' l-1900, li per effett tagħha, minbarra ordnijiet mogħtija, ġew anki nklużi l-ordnijiet maħruġin, u żdiedu l-kliem "biex jirregolaw it-traffiku tal-vetturi";

Il-Qorti ma tara ebda sussidju għat-teżi tal-konvenuti nomine f'din l-emenda. Dik l-emenda tfisser biss li, *mentri* qabel wieħed seta' jiddubita jekk kienetx kontravvenzjoni biss il-ksur *ta' ordni verbali mogħti* "hic et nunc", wara dik l-emenda wieħed ma *setgħax jiddubita* illi l-kontravvenzjoni setgħet issir anki bil-ksur ta' ordni publikat bil-miktub għar-regolament tat-traffiku. Ma jistax jiġi argumentat mill-emenda li, għax il-liġi elevat għal reat il-ksur ta' ordni maħruġ mill-Pulizija għar-regolament tat-traffiku, allura, "ipso facto",

il-liġi tat lill-Pulizija s-setgħa li toħroġ dak l-ordni. Vwoldiri, jimmilitaw dejjem, u l-istess, b'dik l-emenda b'kollox, l-argumenti in kuntrarju superjorment esposti;

Għar-raġunijiet fuq imsemmija:

Din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma, iżda għas-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, is-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine appellanti.